


OFM-LINK


OFM-LINK


ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 172 NOV 11





Ikona
li turi lill-
S. Klara ma'
xi Qaddisin
tal-Ordni tagħha.

Hija ġiet impittra
minn
Suor Pierpaola Nistri O.S.C.
u
tinsab fil-monasteru
tal-Klarissi
ġewwa
Grottaglie ( Taranto)

**"Ejjew u għinuni nibni l-monasteru ta' S. Damjan, għaliex għad jiġu joqogħdu fih nisa li bil-fama u l-ħajja qaddisa tagħhom għad jagħtu glorja lill-Missier tagħna tas-sema fil-Knisja mqaddsa kollha tiegħu"** Dan il-kliem, meħud mit-Testment ta' S. Klara (13-14 {FSK 136}), qalu S. Franġisk b' leħen għoli, minn fuq il-ħajt tal-knisja ta' S. Damjan, waqt li kien qiegħed jsewwiha. Din il-profezija li għamel Franġisku, wara l-konverżjoni tiegħu, seħħ-et meta, mhux biss għaliex 'il quddiem verament S. Klara u sħabha marru jgħ-ammru hemm, imma wkoll għaliex matul is-sekli l-Knisja għarfet b'mod uffiċjali il-qdusija ta' xi Klarissi. ***Ara paġni 2 u 3***

**Fra Walter Vassallo ġie ordnat djaknu MULTOS ANNOS** **ara p. 10**

---

**STOP PRESS Żjara tal-Kustodju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f' Malta bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru**

# QDUSIJA KLARJANA

Ommna l-Knisja, permezz tal-liturġija mqaddsa, fl-1 ta' Novembru, tfakkarna f' ħutna l-Qaddisin kollha u l-għada tfakkarna f' ħutna li raqdu fis-sliem. Barra minn dan, kull Ordni reliġjuż għandu jum iddedikat lill-qaddisin kollha tal-Ordni tiegħu. Aħna l-Franġiskani dan ngħamluh nhar id-29 ta' Novembru, meta nfakkru l-Qaddisin kollha tal-Ordni Serafiku.



Minn mindu S. Klara t' Assisi, bl-għajnuna ta' S. Fran-ġisk, waqqfet l-Ordni tal-Klarissi, eluf ta' xebbiet ħaddnu din il-ħajja reliġjuża u klawstrali f' ħafna pajjiżi. Minkejja li matul is-sekli nibtu xi riformi fi ħdan dan l-Ordni, xorta waħda għandna numru ta' Klarissi li ġew ukoll kanonizzati. Barra S. Klara, sal-lum disa Klarissi ġew ddikjarti qaddisin u 22 beati. Mad-disa Klarissi nridu nżiedu lil S. Beatrice de Silva Menes, fundatriċi tas-Sorijiet Konċezzjonisti u lil S. Giovanna di Valois, fundatriċi tas-Sorijiet Annuntiatae. Dawn iż-żewġ ordnijiet huma differenti mill-Klarissi, iżda billi l-bidu tagħhom, is-sehem u d-dipendenza mill-Ordni Franġiskan, ix-xorta ta' ħajja klawstrali u kontemplattiva, huma meqjusa bħala parti mit-Tieni Ordni Franġiskan.

Hawn se nagħtu xi ftit ħjiel fuq il-qaddisin Klarissi :

**S. Anjeże (Caterina) t' Assisi** (1197 - 1253) Oħt Klara. Kienet l-ewwel waħda li jissieħbet ma' Klara, minkejja r-reżistenza qawwija tal-familja tagħha. Wara xi snin li għexet ma' oħtha f' S. Damjan, hija marret, bħala Badessa, fil-monasteru ta' Monticelli, Firenze. Ftit qabel il-mewt ta' Klara, hija reġgħet lura f' S. Damjan, fejn kien hemm ukoll oħtha l-oħra, Beatrice u ommhom Ortolana. Mietet fis-16 ta' Novembru 1253, tliet xhur wara Klara. Benedittu XIV iddikjarha qaddisa fl-1752. Fil-kappella ta' S. Anjeże, ġewwa l-Bażilika ta' S. Klara f' Assisi, jinsabu r-relikwi tagħha. Il-festa tagħha jsir fid-19 ta' Novembru.

**S. Anjeże ta' Praga** (1205 - 1282) Għalkemm kienet bint is-sultan Premsyl Ottokar I tal-Boemja, hija ċaħdet żwieġ imperjali. Fl-1234 waqqfet hija stess monasteru fi Praga u l-Papa Girgor IX ħatarha Badessa. Bejn l-1234 u l-1253 bdiet koorispodenza ma' Klara (ara FSK 1-48). Sa għandna waslu erba' ittri. Kienet ukoll tikkorispondi mal-Papiet dwar il-ħtieġijiet spiritwali tas-sorijiet. Klara, fir-raba ittra, sejjitilha bl-isem ta' 'nofs ir-ruħ tiegħi' {FSK 38}. Mill-monasteru tagħha għenet ħafna morda u foqra. Mietet fis-6 ta' Marzu 1282. Il-B. Papa Ġwanni Pawlu II iddikjarha Qaddisa, waqt żjara pastorali li kien għamel fi Praga nhar it-12 ta' Novembru 1989. Il-festa tagħha jsir fit-2 ta' Marzu.

**S. Ewstokja (Smeralda) Calafato minn Messina** (1434 -1485) Twieldet ġewwa r-raħal ta' Annunziata qrib Messina. Kellha devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u l-Madonna. Fl-1464 hija waqqfet il-monasteru ta' Montevergine. Mal-mewt tagħha (20 ta' Jannar 1491) f' dan il-monasteru, kien hemm mal-50 soru. Il-ġisem tagħha għadu intatt u jinsab ġewwa urna tal-ħġieġ f' pożizzjoni ta' bilwieqfa. Il-B. Papa Ġwanni Pawlu II iddikjarha qaddisa nhar il-11 ta' Ġunju 1988. Il-festa tagħha jsir fid-19 ta' Jannar.

**S. (Kamilla) Battista Varano** (1458 - 1524) Din hija l-aħħar soru Klarissa li ġiet iddikjartha qaddisa. Dan sar nhar is-17 t' Ottubru 2010 mill-Papa Benedittu XVI. Għalkemm kienet bint id-duka ta' Camerino, fejn twieldet, hija ħalliet kollox u daħlet mal-Klarissi f' Urbino. Hija waqqfet monasteru f' Camerino u saret ukoll Badessa tiegħu. Kellha devozzjoni kbira lejn Gesu Kurċifiss u rċeviet bosta doni mingħand il-Mulej. L-esperjenza mistika tagħha hija mfissra f' bosta kotba li kitbet. Mietet fil-31 ta' Lulju 1524. Il-festa tagħha jsir fit-30 ta' Mejju.

**S. Katerina de' Vigri minn Bologna** (1413 - 1463) Fl-1431 daħlet mal-Klarissi ta' Ferrara u saret ukoll Majjistra tan-novizzi. Fl-1456 waqqfet il-monasteru ta' *Corpus Domini* ta' Bologna. Baqgħet Badessa t' hemmhekk sakemm mietet. Kitbet bosta trattati żgħar dwar il-perfezzjoni nisranija. Mietet ġewwa Bologna nhar id-9 ta' Marzu 1463. Il-ġisem tagħha ma ġiex midfun imma poġġewha bilqegħda fuq siġġu, qiesha persuna ħajja, f' kamra ħdejn il-knisja, fejn illum in-nies jsejjħulha 'tal-qaddisa'. Papa Klement XI iddikjarha qaddisa fit-22 ta' Mejju 1712. Il-festa tagħha jsir nhar id-9 ta' Mejju.

**S. Kinga (Kunegunda) mill-Ungerija** (1224-1292) Bint is-sultan Bela IV tal-Ungerija u mart Boleslaus il-Kast, il-prinċep ta' Krakovja. Kif romlot, daħlet mal-Klarissi u saret ukoll Badessa. Oħtha kienet il-B. Jolanda mill-Ungerija. Kellha imħabba speċjali lejn il-foqra u l-morda. Mietet nhar il-25 ta' Lulju 1292. Il-B. Papa Ġwanni Pawlu II iddikjarha qaddisa nhar is-16 ta' Ġunju 1999, waqt żjara pastorali fil-Polonja ġewwa Stary Sacz. Il-festa tagħha jsir nhar it-23 ta' Lulju. Hija patruna tal-Polonja u l-Litwania.

**S. Koleta Boylet/Boellet minn Corbie** (1381 - 1447) Twieldet f' Corbie, Franza. Qassmet ġidha wara l-mewt tal-ġenituri tagħha u ssieħbet fl-Ordni Franġiskan Sekular billi għamlet żmien ukoll tgħex ħajja ta' rekluża. Ħadmet bis-sħiħ biex tagħmel riforma kbira, billi sawret statuti ibsin dwar il-faqar, iċ-ċaħda sħiħa tal-propjeta, klawsura stretta u relazzjoni mas-sekulari mill-inqas. Dan wettiqtu mhux biss fi ħdan il-Klarissi, imma wkoll ma' sezzjoni żgħira ta' patrijiet franġiskani. Tant li dawn ukoll bdew ikunu magħrufin bħala *Kolettini*. Waqqfet mas-17 il-monasteru ġdid. Mietet f' Gent fis-6 ta' Marzu 1447. Il-Papa Piju VII iddikjarha qaddisa nhar l-24 ta' Mejju 1807. Il-festa tagħha jsir nhar is-7 ta' Frar.

**S. Filippa Mareri** ( +1236) Twieldet fit-tmiem tas-seklu tnax fil-provinċja ta' Rieti mill-familja nobbli ta' Mareri. Fuq l-eżempju ta' S. Franġisk, hija ħarbet minn darha u sal-1228 marret tgħex ġo għar flimkien ma' xi xebbiet oħra. Imbgħad żewġ ħutha subien tawhom kastell u knisja, fejn marru joqgħodu. Bdew jgħexu skond il-mudell ta' ħajja li S. Franġisk kien ta lis-Sorijiet Foqra ta' S. Damjan. Għalkemm kienu jgħexu fil-klawsura, xorta waħda kienu jgħenu lill-foqra u jgħamlu appostolat ieħor. Mietet fis-16 ta' Frar 1926. It-titlu ta' qaddisa deher għall-ewwel darba fl-1227 f' Bulla tal-Papa Innoċenz IV. Fl-1706 instab li qalbha baqgħet sħiħa. Il-festa tagħha jsir nhar is-16 ta' Frar. Hija waqqfet l-Istitut tas-Sorijiet Franġiskani ta' S. Filippa Mareri.

**S. Veronika (Ursola) Giuliani** (1660 - I727) Daħlet mal-Klarissi Kappuċċini ġewwa Citta di Castello fl-1677 u kienet tagħmel ħafna penitenzi. Kristu għaniha bil-pjagi tiegħu u b' sinjali oħra tal-passjoni. Dan kollu jinsab miktub, b' mod dettaljat, fi kitba li damet 30 sena tiktbu fuq parir tad-direttur spiritwali tagħha. Fost is-servizzi li għamlet : Badessa u koka. Mietet nhar id-9 ta' Settembru 1727. Fl-awtopsja sabu li qalbha kienet minfuda minn naħa għall-oħra. Papa Girgor XVI ikkanonizzha nhar is-26 ta' Mejju 1839. Il-festa tagħha jsir nhar l-10 ta' Lulju.

# Matul ix-xahar ta' Novembru



**Novembru 1215** : Fil-11 ta' Novembru 1215 beda jiltaqa' l-Konċilju Lateran IV, msejjaħ mill-Papa Innoċenz III bil-Bulla *Vineam Domini Sabaoth*, li kienet ħarġet fid-19 t' April 1213. Fih ħadu sehem mal-71 patrijarki u metropoliti, 412 isqfijiet, 900 Abbati u Prijuri, kif ukoll lajċi, li kienu qed jirraprezetaw xi reijiet. Fost l-oħrajn, dan il-konċilju (li ltaqa' fil-Palazz Papali tal-Lateran - ara ritratt) fil-kanone 13 qal: ' Biex nevitaw li d-diversita' ġdida tal-Ordnijiet Reliġjużi fil-Knisja tqajjem konfużjoni serja, aħna nipprojbixxu bil-qawwa minn issa 'l quddiem it-twaqqif ta' xi Ordni ġdid. Imma jekk xi ħadd jixtieq li jgħ ix ħajja ta' konverżjoni f' xi Ordni, għandu jagħżel il-ħajja ta' wieħed mill-Ordnijiet li diġa jeżistu. Hekk ukoll jekk xi ħadd jixtieq iġedded xi dar tal-Ordni tiegħu, diġa mwaqqfa, għandu jadotta r-Regola u l-forma ta' ħajja ta' wieħed mill-ordnijiet approvati'. Mħabba f' hekk Klara kellha taċċetta r-Regola Benedittina. Imma din ir-regola ma taqbilx mal-ispirtu ta' faqar, skond kif kien imfisser minn Franġisku nnifsu fil-*Forma Vitae* ta' l-1212, li kienet tant għall-qalb ta' Klara. Allura Klara bdiet tinsisti biex tingħata mill-Papa dak li jissejjaħ il-*privilegium paupertatis* - il-privileġġ tal-faqar. Bħalma l-Benedittini kellhom 'il-privile-ġġ tal-proprjeta'. Dan jifisser li hi ma kienetx se titlef l-idejal li għalih tat ħajjitha u fl-istess waqt bdiet tittama biex forsi 'il quddiem ikollha regola proprija franġiskana. Il-Konċilju għ-alaq fit-30 ta' l-istess xahar u fih ġew ppreżentati 70 kanoni, li ġew approvati.

Konsegwenza ta' dan, issa S. Klara kellha taċċetta li tieħu d-direzzjoni u t-tmexxija ta' ħut-ha s-sitt sorijiet, fuq talba u insistenza ta' Franġisku. Anzi kważi kienet mġiegħla tgħamel dan (ara ProcCan 1, 6 {FSK 302} u LegCl 12 {FSK 613}). Dan kollu kien jfisser li issa se tibda tissejjaħ bit-titlu ta' **Abbadessa**, eżattament kif tissejjaħ is-superjura ta' kull monasteru femminili benedittin in konfront ta' dak dumnikan li tissejjaħ Prijura. Ħawnhekk Franġisku u Klara urew biċ-ċar li riedu jobdu l-ordnijiet tal-Knisja.



**Bejn it-Tnejn 24 u s-Sibt 29 ta' Novembru 1253** : F' dawn il-jiem ġie ċċelebrat il-proċess għall-kanonizzazzjoni ta' S. Klara, wara li l-Papa Innoċenz IV bil-Bulla *Gloriosus Deus,* ħatar lill-isqof ta' Spoleto, Bartolomeo Accorombani (1236-1271), biex jiġbor ix-xhieda dwar il-ħajja u l-mirakli li kienet għamlet. Miegħu kien hemm Leonardo, Arċidjaknu ta' Spoleto, Jacobo, Arċipriet ta' Trevi, Frate Leone u Frate Angelo, sħab S. Franġisk u Klara, Frate Marco, il-kappillan tal-monasteru u nutar. Il-proċess sar fil-kjostru u fl-infermerija ta' S. Damjan — hawnhekk xehdu ħmistax il-soru Klarissa. Erba' sekulari xehdu fil-knisja ta' S. Pawl ġewwa Assisi. B' kollox xehdu 20 xhud. Ma waslux għandna l-formuli tal-mistoqsijiet li kienu mehmużin mal-Bulla. L-atti ta' dan il-proċess, li fl-oriġinal kienu bid-djalett antik *perugino*, jistgħu jinqraw fl-FSK 289 - 520. Huma għandhom il-mertu kbir li joffrulna dokument miktub ftit xhur biss wara l-mewt ta' Klara, li fih għandna x-xhieda ħajja ta' nies li kienu għexu magħha.

# 25 sena tal-Ispirtu t' Assisi'




Nhar is-27 t' Ottubru ħabat il-25 anniversarju mill-laqgħa storika, li l-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II kien għamel mal-mexxejja tar-reliġjonijiet kollha ġewwa Assisi. L-iskop kien mhux biss, biex għall-ewwel darba fl-istorja mondjali dawn jiltaqgħu, imma fuq kollox, biex isir talb flimkien għall-paċi fost il-bnedmin kollha.

Il-Papa Beneditt u XVI, fl-1 ta' Jannar, qabel it-talba tal-*Angelus* ta' nofsinhar, huwa ħabbar, li mhux biss f' Ottubru kien sejjer Assisi bħala pellegrin, imma kien qiegħed jistieden lill-aħwa nsara tal-komunitajiet ekklesjali mifrudin, lill-mexxejja tar-reliġjonijiet tradizzjonali tad-dinja kif ukoll, idejalment, lill-bnedmin ta' rieda tajba biex jinqgħadu miegħu. L-iskop mhuwiex biss bħala tifkira tal-25 anniversarju, imma biex 'inġeddu sollennement l-impenn ta' dawk kollha li jemmnu f' xi fidi u jgħexu l-proprja fidi bħala servizz b' risq il-paċi'.



Nhar is-26 t' Ottubru l-Papa mexxa laqgħa ta' talb ġewwa s-*Sala Paolo VI*, fil-Vatikan bħala preparazzjoni. Imbgħad nhar is-27 t' Ottubru fit-8.00 am, il-Papa, flimkien ma' 300 membri tad-delegazzjonijiet, li jirrappreżentaw ir-reliġjonijiet kollha, telaq mill-Vatikan bit-tren speċjali *Frecciargento* lejn l-istazzjon t' Assisi. Wara li ġie milqugħ fil-Bażilika ta' S. Marija tal-Anġli mill-Ministri Ġenerali Franġiskani maskili, il-Papa beda jilqa' lid-delegazzjonijiet. Il-Papa daħal fil-Bażilika ta' S. Marija tal-Anġli bil-kant tal-Kantiku tal-Ħlejjaq mill-kor tal-patrjiet tagħna tal-Umbrija. Wara nbeda l-programm li kien jikkonsisti: wiri ta' *video* dwar l-avveniment ta' 25 sena ilu u diskorsi minn bosta mistiednin. Ikla ħafifa ġiet mogħtija fir-refittorji tal-*Protoconvento* tal-Porziuncola. Mis-1.45 sat-3.30 pm sar mument ta' silenzju u riflessjoni. Il-Papa rtira fl' hekk imsejjħa - *stanza del cardinale* -, li hemm fl-istess kunvent, filwaqt li l-oħrajn marru fid-*Domus Pacis*. Fis-1.45 pm grupp ta' żgħażagħ beda mixja mill-Portiuncola sal-*Piazza S. Francesco*, f' Assisi. Fl-3.45 pm il-Papa ħalla l-Portiuncola u mar fil-belt t' Assisi, ħdejn is-*Sacro Convento*. Hemmhekk korijiet ta' żgħażagħ, fosthom grupp inter-franġiskan, kienu qegħdin ikantaw. Fil-*Piazza S. Francesco* kull rappreżentant ġedded l-impenn ta' ħidma favur il-paċi. Bħala ġest simboliku lil kull rappreżentant, iż-żgħażgħ tawh lampa mixgħula, li tixbah lil dik li hemm, dejjem tixgħel, quddiem il-qabar ta' S. Franġisk. Fl-istess waqt il-kor kanta *la Pregheria semplice*. Wara li taw l-paċi lil xulxin, tkellem il-Papa u l-Kor t' Assisi kanta l-*Cantico delle Creature*. Imbgħad min ried seta' jinżel fil-kripta biex iżur il-qabar ta' S. Franġisk. Fit-8.30 pm kulħadd wasal lura l-Vatikan. Din kienet it-tielet darba li Papa uża t-tren biex mar Assisi.



B' differenza mill-ġrajja ta' 25 sena ilu, kull grupp ma kellux iċ-ċans li jagħmel talb għalih waħdu f' xi post qaddis. Mal-mistiednin din id-darba kien hemm ukoll erba' rappreżentanti tal-kultura lajka - tlett filosofi u ekonomista.

N.B. Aktar tagħrif jingħata f' ħarġa oħra

# Mill-Ittra Pastorali
# ta' Mons. Mario Grech, Isqof t' Għawdex
# fl-okkażjoni tal-festa tal-Assunta 2011

…...
Illum b' ferħ ngħarrafkom li fid-djoċesi tagħna ser ikollna "Nazaret" oħra. Din hi l-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi li ser ninawguraw fi ftit jiem oħra. Alla qiegħed jagħtina grazzja kbira li ser ikollna fostna dawn is-sorijiet li mill-klawsura tagħhom lilna jridu jfakkruna l-ħin kollu li l-bniedem qiegħed ifittex lil Alla u li Alla għandu interess fina.

Kif jgħallem San Benedittu, missier il-monastiċiżmu tal-Punent, tassew li l-monaċi huma dawk li jfittxu lil Alla, imma huwa Alla li fittixhom u sabhom l-ewwel. Skont it-tradizzjoni ta' San Bażilju, tfittex lil Alla jfisser li xejn ma jserraħna jew jimlielna qalbna jekk mhux Alla. Tfittex lil Alla jfisser tressaq quddiemu dawk il-mistoqsijiet li ħafna drabi jtaqqlulek qalbek u tħallih jagħtik tweġiba permezz tal-Kelma tiegħu fl-Iskrittura kif imfissra fil-komunità ekkleżjali. Nafu li ebda tweġiba ma tissodisfana għalkollox: it-tweġiba finali hija Alla nnifsu. Hu għalhekk li Santu Wistin jikteb li "il-qalb tal-bniedem ma tistrieħx jekk mhux fik, o Alla".

Fis-Salmi nsibu: "Agħmlu l-qalb intom li tiftxu lil Alla" (69:31), u "ħa tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej. Ħabirku biex tagħrfu l-Mulej u l-qawwa tiegħu, fittxu 'l wiċċu l-ħin kollu" (105:3-4). Issa l-monaċi – fil-każ tagħna dawn is-sorijiet Klarissi – huma propju dawk li l-Iskrittura ssejjaħ "in-nisel ta' dawk li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb" (Salm 24:6). Il-fatt li dan il-monasteru qiegħed bieb ma' bieb ma' Dar Manresa, dar tal-irtiri, ikompli jwettaq dan l-ispazju bħala "art qaddisa", bit-tama li, kif sar fl-imgħoddi, anki fil-ġejjieni saċerdoti, reliġjużi u lajċi jibqgħu jfittxu din l-oasi ta' spiritwalità fejn fil-ġabra u s-skiet ifittxu li jidħlu fil-preżenza ta' Alla.

**Sinjal tal-preżenza ħajja ta' Alla fostna**

Nixtieq li t-tokki tal-qanpiena ta' dan il-monasteru jidwu fil-qlub tagħna, fil-familji tagħna u fil-komunitajiet parrokkjali tagħna biex ma nħallux l-ispirtu tagħna jongħos, biex hekk inkomplu ngħassu fuq it-teżori spiritwali li għandna. Nemmen li l-Knisja f' Għawdex għad għandha ħafna x' toffri lis-soċjetà Maltija; issa, bil-preżenza ġdida ta' ħajja kontemplattiva f' nofsna, hi tista' twettaq aħjar u b' mod aktar qawwi din il-missjoni spiritwali tagħha. Mill-kordi ta' qlubhom dawn is-sorijiet jgħannu tifħir lil Alla. L-għaxqa ta' dawn il-kontemplattivi hija f' Ġesù preżenti fostna fil-Kelma u fl-Ewkaristija. Biex l-għotja tagħhom lil Alla tkun sħiħa, huma għażlu li jitrażżnu b' ħajja ta' penitenza. Għax jemmnu qatigħ fil-providenza, għażlu li jkunu Franġiskani foqra. Is-skiet tagħhom itarrax imma jiddisponi l-qlub għall-vuċi t' Alla. Dawn u oħrajn huma stimoli qawwija għalina biex għalkemm aħna fid-dinja ma nkunux tad-dinja imma "tiegħu", jiġifieri tal-Mulej.

Lil dawn is-sorijiet sejrin nagħtuhom "prokura" – mhux biex jidhru fuq xi kuntratt imma biex "jieqfu" fil-preżenza t' Alla u jidħlu għalina quddiem il-Maestà Divina tiegħu. Bil-ftuħ ta' dan il-monasteru, fid-djoċesi tagħna issa għandna "bieb speċjali" fejn nistgħu nħabbtu mhux biss biex insibu l-wens meta ngħaddu minn xi burraxka, imma wkoll għal min jixtieq jieqaf ftit mill-ġirja sfrenata tal-ħajja biex joqgħod fis-skiet fil-preżenza tal-Mulej.

Jien fiduċjuż li l-preżenza tas-sorijiet Klarissi fostna hija mediċina smewwija f' waqtha li neħtieġu f' dawn iż-żminijiet partikulari li qed ngħixu, għax filwaqt li d-dinja tistinka biex

iddoqq it-trapassar ta' Alla li tixtiequ mejjet, b' dan il-monasteru qed inwaqqfu "fanal" biex bid-dawl qawwi tiegħu juri, kemm lil dawk tal-qrib u kemm lil dawk tal-bogħod, li Alla mhux biss huwa ħaj, imma tant hu Qaddis li hemm min jagħti ħajtu kollha għalih – bħal dawn is-sorijiet! Dan il-monasteru, "għajn" ta' ilma ġieri li jwassal għall-ħajja ta' dejjem (ara Ġw 4:14), huwa sejħa mġedda biex lil Alla nerġgħu nagħtuh postu fil-ħajja tal-lum. Hekk il-bniedem mhux biss ma jistħix u ma jlaqlaqx meta jiġi mitlub jagħti raġuni tat-tama li għandu (ara 1 Pt 3:15), imma wkoll ikun jiflaħ jitkellem bl-ilsien t' Alla nnifsu, li huwa Mħabba (ara 1 Ġw 4:16).

L-inawgurazzjoni tal-monasteru ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' dan ix-xahar. Nistedinkom biex tieħdu sehem kemm fil-Velja ta' Talb li ser issir fl-24 ta' Awwissu, u kemm fil-Quddiesa dakinhar tal-ftuħ tal-monasteru.

Ma' Marija Mtellgħa s-Sema, omm u mudell tal-ħajja kkonsagrata, nistgħu ngħidu li s-Setgħani għamel magħna ħwejjeġ kbar meta bagħat fostna lil dawn il-messaġġiera tiegħu Ġew fostna biex joqogħdu magħna. Nappella lill-ġenerożità tagħkom biex ngħinuhom b' kull mod li nistgħu.

Bħala Ragħaj Spiritwali ta' din il-Knisja ċkejkna li tgħammar f' Għawdex, nixtieq nafda din l-esperjenza ġdida tal-Ispirtu fil-klawsura lill-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu.

Nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, fil-Belt Victoria, illum, il-Ħamis 11 ta' Awwissu 2011, festa ta' Santa Klara, Verġni.

================================

# *Il-Franġiskani Maltin*

**P. Ġorġ Aquilina O.F.M., *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu)* 1482c-1965c sal-Konċilju Vatikan II), Klabb Kotba Maltin, Malta 2011, pp. 773 + xxxi.**



Il-volum *Il-Franġiskani Maltin* miktub minn P. Ġorġ Aqulina O.F.M. hu frott ta' riċerka twila ta' aktar minn 40 sena, li tħaddan aktar minn 530 sena ta' preżenza f' Malta tal-Patrijiet Franġiskani, mill-waqt meta fl-1482 bdew isiru l-isforzi biex jitwaqqaf f' Malta l-ewwel kunvent u jeħodna sa żmien il-Konċilju Vatikan II.

Il-ktieb ta' 804 paġni jiġbor fih riċerka intensiva f' diversi arkivji f' Malta, fi Sqallija, fl-Italja u l-Vatikan, u hekk wasal biex issa tana l-frott ta' din il-ħidma b'sejbien ta' dokumenti importanti dwar din il-ġrajja u wkoll dwar ġrajjiet oħrajn importanti fl-istorja ta' Malta, l-aktar dik bikrija. Dawn diġà ġew ippublikati minnu flimkien mal-Prof. Stanley Fiorini. Flimkien ħarġu tlett volumi mitqlhom deheb għall-istorja ta' Malta. Dawn tista' tgħid li twieldu waqt ir-riċerka intensiva dwar il-preżenza Franġiskana f' Malta. Meta tqalleb il-paġni ta' dan il-volum tara kif il-ġrajja tal-Patrijiet Minuri f' Malta tmur lura aktar minn ħames sekli u hija intimament maqgħuda mal-ġrajja ta' Malta f' dan il-perijodu, ġrajja reliġjuża u Maltija.

Il-ktieb jibda bil-wasla tal-ewwel Franġiskani f' Malta; il-ġrajja tal-moviment ta' riforma tal-hekk imsejħa Osservanza Regulari fi ħdan il-moviment Franġiskan fi Sqallija sal-wasla tiegħu f' Malta. Ġrajja minsuġa b'waqtiet ta' qtigħ il-qalb li kellhom jgħaddu minnu l-Maltin biex jiksbu l-awtonomija tagħhom mill-Isqallin li switilhom sa l-eżilju minn Malta lil dawk li kienu qed jiddefendu din il-kawża ġusta. Kollox kien minsuġ ħaġa waħda ma' ġrajjiet poltiċi li kontrihom il-patrijiet Maltin ma setgħu jagħmlu xejn. It-taqlib politiku li wassal għad-dħul f' Malta tal-Ingliżi, kellu jkun biex sa fl-aħħar il-kunventi Maltin jinfirdu minn Sqallija u ġew jiddependu mill-Ministru Ġeneral f' Ruma.

Il-volum jagħtina tagħrif dwar il-kunventi kollha tal-Franġiskani, u l-aktar dwar l-ewwel tnejn, dawk ta' Santa Marija ta' Ġesu (Ta' Ġieżu) tar-Rabat u tal-Belt, li t-tnejn għandhom ġrajja partikulari. Barra mill-ġrajja tal-bini tal-knejjes u l-kunventi, isemmi dak kollu li minnu għaddew il-patrijiet f' dawn is-snin kollha. Interessanti t-titlu ' *Ta' Ġiezu'*. Dan ġej minn Sqallija fejn in-nies qassret l-isem sħiħ f' *di Giesu*. Isem mogħti lill-biċċa l-kbira tal-kunventi tar-riforma osservanti fi Sqallija u fis-Saltna taż-żewġ Sqallijiet. Ma jonqosx P. Ġorġ li jagħtina tagħrif dwar il-kunventi oħra u dwar il-ħidma li l-patrijiet wettqu fil-missjonijiet u fost l-emigranti Maltin, - xi drabi bħal pijunieri - fl-Eġittu, l-Art Imqaddsa, iċ-Ċina, il-Libja, l-Amerika Ċentrali u l-Istati Uniti, il-Kanada, l-Ingilterra u l-Awstralja.

Interessanti s-sehem fl-imblokk tal-Franċiżi; waqt kemm il-pesta u l-kolera u l-gwerer li malta għaddiet minnhom. Min kienu dawk li taw ħajjithom biex jgħinu lill-poplu tagħna? Il-kittieb lanqas ma halla barra s-sehem importanti li ' Ta' Ġieżu' taw b' risq il-kultura. Barra l-istudji ordinarji u speċjalizzati tal-filosofija u tat-teoloġija, kienu huma minn ta' quddiem li waqqfu skejjel tal-ilsien Għarbi u ma naqsux li taw is-sehem tagħhom b' risq l-ilsien Malti. Tagħrif storiku dokumentat u importanti li mhux biss jiffoka fuq il-Franġiskani, imma fuq il-ħidma reliġjuża u tal-Knisja Maltija b' mod ġenerali.

Dan ix-xogħol li ha tant żmien biex issa qiegħed f' idejna hu miżgħud b'eluf ta' noti li waħidhom jagħtu tagħrif kollu kemm hu ġdid u li għandu jinteressa lil kull min għandu għal qalbu l-istorja tal-ġżejjer tagħna. Tagħrif frott ta'riċerka intensiva u ta' paċenzja kbira f' bosta bibljoteki u arkivji f' Malta u barra. Mhux ta' min iħalli barra l-fatt li P. Ġorġ isemmi fatti u personaġġi li għalkemm b' xi mod huma sekondarji għas-suġġett - kif stqarr hu - kien ikun dnub li materjal storiku ġdid jintilef.

Biċċa xogħol verament kbira, imma li P. Ġorġ iqisha bħala mhux sħiħa. Fl-ebda kapitlu ma jippretendi li qal kollox, li ma hemmx x' wieħed iżid, u forsi wkoll ibiddel fid-dawl ta' dokumenti ġodda li jistgħu jinkixfu. Imma żgur li għandna f' idejna storja miktuba b'mod professjonali: b' appart kritiku, bibljografija intensiva, ġabra ta' dokumenti, ġabra ta' mijiet ta' ismijiet u ħidma ta' patrijiet mill-1492 sa żmienna flimkien ma' werrej analiku li jagħlaq din l-opra, kif sejħilha l-Profs. Fiorini: " biċċa xogħol monumentali, kontribut mill-aqwa… li għad jibqa' punt ta' riferiment għal bosta snin li ġejjin fl-istorjografija reliġjuża ta' dawn il-gżejjer".

**N.B.** Din ir-reċensjoni saret minn P. Noel Muscat O.F.M. u dehret fil-ġurnal *Leħen is-sewwa* tat-22 ta' Ottubru 2011 p. 23.

L-indirizz ta' **P. Joseph Ciappara O.F.M.**
Terra Santa College
Keren Hayesod Street, P.O. Box 871 91008 Jerusalem **ISRAEL**

## *Eku tal-festi ta' Missierna S. Franġisk*



Nhar it-Tnejn, 3 t' Ottubru 2011, iccelebrajna t-***Transitu***, il-mewt ta' San Franġisk, b'mixja mid-Dar tal-Irtiri Porziuncola għal Ġnien il-Ħlejjaq. Imbgħad morna fil-Kappella ta' San Ġwann, fejn qsamna l-ħobż flimkien u temmejna ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja ta' Sta. Marija tal-Anġli, fejn tfejna fid-dlam u bit-tokki tal-qanpiena fakkarna dak li ġara 785 sena ilu, meta Fran-ġisku t' Assisi laqa' bil-ferħ l-"***Oħtna l-Mewt***!". Din kienet l-ewwel funzjoni, li l-fraternita' l-ġdida organizzat għall-komunita' ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Kellna numru ġmielu ta' nies, li għal ħafna minnhom din kienet l-ewwel esperjenza li jiċċelebraw it-*Transitu* mal-Patrijiet Franġiskani.

Aħna t-tlett patrijiet ilkoll tajna s-sehem sħiħ tagħna biex nuru unita' u xhieda.

**Paċi u Sliem  P. Eddie Pace, P. Paul Attard u P. Stephen Sciberras O.F.M.**

**................................**









### L-altari ddedikati lil Missierna S. Franġisk fil-knejjes tagħna

1. Knisja  S.  Marija ta' Ġesu  -  ir-Rabat.  Fuq  dan l-altar insibu statwa ta' S. Franġisk, kopja fidila ta' *Della Robbia*. Qabel din kienet taħt il-kwadru titulari ta' l-istess knisja.

2. Knisja S. Marija ta' Ġesu - il-Belt Valletta. Fuq dan l-altar insibu pittura ta' S. Fran-ġisk, wara li rċieva l-pjaġi. Il-pittura hija ta' Pietro Gagliardi. Fortunato Venuti għamel kopja ta' din il-pittura għall-knisja tagħna ta' S. Antnin ta' Għajnsielem, Għawdex.

3. Knisja Madonna tas-Sacro Cuor - Tas-Sliema  Fuq dan l-altar insibu pittura ta' S. Franġisk, waqt li qed jitlob ġewwa għar. Il-pittura hija ta' Francesco Zahra.

# Ordinazzjoni Djakonali
# ta' Fra Walter Vassallo O.F.M.



Nhar il-Ġimgħa 14 t' Ottubru fil-Knisja Parrokkjali ta' S. Katerina, iż-Żejtun, Fra Walter Vassallo O.F.M, flmkien ma' seba' seminaristi, ġie ordnat djaknu mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawl Cremona O.P. Fost il-konċelebranti kien hemm il-Provinċjal u xi aħwa tal-Provinċja. Fl-assemblea kien hemm il-ġenituri ta' Walter, familjari oħra u ħbieb tiegħu. Il-kant tmexxa mill-kor tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex.

Fl-omelija l-Arċisqof tkellem fuq il-rwol ta' kull nisrani, speċjalment dwar is-servizz tad-djaknu. Fil-ħin tal-ordinazzjoni, il-Provinċjal tagħna, mgħejjun minn Fra Leo Ciantar O.F.M., libsu d-dalmatika bajda. Waqt il-paċi, Fra Walter niżel biex jagħti l-paċi lill-ġenituri tiegħu u familjari oħra. L-istess ġara waqt it-tqarbin, fejn qarben l-istess nies.

Minn din il-paġna aħna nwegħduh it-talb tagħna, filwaqt li nawgurawlu, biex bil-kura-ġġ kollu, ikompli t-triq li fadalu għas-saċerdozju fid-dawl tal-ħajja franġiskana tiegħu. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenuh fil-formazzjoni tiegħu, speċjalment lill-komunita tagħna tar-Rabat.






**P. Joseph Magro flimkien mal-istudenti tagħna - Aaron, Ramon, Andrea u Clive, waqt ċelebrazzjoni ta' talb għall-paċi fil-knisja tal-Kurja Generalizja tal-Ordni tagħna.**

# AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA




Fl-4 t' Ottubru Mons. S. Magro O.F.M. mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ġewwa l-knisja tagħna tal-Belt. Fl-omelija l-Provinċjal tkellem fuq l-attwalita' tal-messaġġ ta' Franġisku fid-dinja tal-llum. Bosta aħwa tal-Provinċja kkonċelebraw. Il-kor u l-orkestra tmexxew mis-Surmast Herman Farrugia Frantz u ndaqqet il-Quddiesa tal-Mro. G. Camilleri. L-isqof ha l-okkażjoni biex jirrringrazja lil Provinċja u lil kulħadd tat-talb u s-sapport li taw u li qed jagħtu liż-żew ġ Vigarjati tal-Libja tul dawn l-aħħar xhur. Il-knisja kienet mimlija bin-nies u kien hemm rappreżentanza minn kull kongregazzjoni femminili franġiskana. Fost l-oħrajn kien hemm preżenti wkoll P. Amado Baranquel O.F.M. u Dun Danjel Farrugia - dawn ilkoll qed jaħdmu fil-Libja. Wara kulħadd kien mistieden għar-rċeviment.




Okkażjonijiet bħal dawn huma ta' min jinkoraġġihom, fejn l-aħwa, mhux biss jaqsmu flimkien l-Ewkaristija, imma wkoll dawk il-mumenti ta' fraternita'. Prosit lil dawk kollha li organizzaw dan l-avveniment, speċjalment lil P. Gwardjan u l-komunita tal-Belt.

Il-Festa ta' Missierna S. Franġisk ġiet iċċelebrata : Tas-Sliema fit-2 t' Ottubru; ir-Rabat u l-Belt Valletta fl-4 t' Ottubru, Għawdex fis-16 t' Ottubru (filgħaxija wara l-Quddiesa Solenni Konċelebrata tas-6.30 pm inxtegħlet lampa simbolika quddiem l-istatwa ta' S. Antnin bħala bidu tas-sena ċentinarja tal-konsagrazzjoni tal-Knisja). Barra l-purċissjonijiet li saru bl-istatwa tal-qaddis, saru wkoll ċelebrazzjonijiet oħra, fosthom it-tberik tal-animali.




Fit-8 t' Ottubru l-Provinċjal telaq lejn Londra għall-laqgħa tal-Konferenza Ingliża tal-Ordni. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru Ġeneral flimkien mad-Definitorju Ġenerali. Fl-istess waqt huwa żar l-aħwa li jgħexu hemm.

Fit-13 t' Ottubru l-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa beda jorganizza kors fuq l-Ezortazzjoni Appostolika - *Verbum Domini* – tal-Papa Benedittu XVI. Dan il-kors tmexxa minn P. Marcello Ghirlando O.F.M. Il-kors qiegħed isir kull ta' nhar ta' Ħamis sal-15 ta' Diċembru fil-knisja tagħna tal-Belt, minħabba t-talba qawwija li kien hemm għalih. B' hekk il-Kummissarjat qed ikompli fix-xandir tal-Kelma t' Alla, mhux biss permezz tal-pellegrinaġġi li jorganizza għall-Art Imqaddsa, imma wkoll b' korsijiet immirati biex nifmhu aħjar il-Bibbja.

Fit-18 t' Ottubru l-Provinċjal mar Lisbona/Fatima biex jattendi għall-X laqgħa tal-*UFME* ( l-Unjoni tal-Provinċjali tal-Ewropa tal-Ordni tagħna). Is-suġġett tal-laqgħa kien : L-Ewropa : missjoni u sfida.

## FESTI — DIĊEMBRU 2011 — BIRTHDAYS

**FESTI**

10. Fra Lorrie Zerafa
25. P. Noel Muscat
26. P. Stephen Magro
    P. Stephen Sciberras

**BIRTHDAYS**

01. P. Alfred Sciberras
03. P. Noel Muscat
04. P. Marcellino Micallef
11. P. Gwann Micallef
17. P. Ray Scicluna
19. P. Godfrey Micallef
29. P. Pietru Pawl Meliak
31. P. Sebastian Camilleri

***Xewqat qaddisa !!!!!***

# Is-Sibt 26 ta' Novembru
# fl-10.00 am

## Quddiesa Konċelebrata għall-erwieħ ta' ħutna l-patrijiet, familjari u benefatturi fil-Kappella tal-Provinċja fiċ-ċimiterju tal-Addolorata



### F' DIN IL-ĦARĠA


| | |
|---|---|
| Qdusija Klarjana | 2 - 3 |
| Fix-xahar ta' Novembru | 4 |
| 25 anniversarju | 5 |
| Mill-ittra pastorali | 6 - 7 |
| Il-Franġiskani Maltin | 7 - 8 |
| L-eku tal-festi ta' S. Franġisk | 9 |
| Ordinazzjoni Djakonali | 10 |
| Aħbarijiet mill-Provinċja | 11 |


## OFM -LINK


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
Hhttp:/ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.